**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 273/2022 RM**

**Maria Muscat u Joseph Fenech**

**-Vs-**

**Charles Fenech**

**Illum, 22 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-atturi Maria Muscat u Joseph Fenech fir-Reġistru fit-12 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu talbu li l-konvenut Charles Fenech jiġi kkundannat iħallashom jew min minnhom is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni skont l-Art 3 tal-Att dwar il-Midja n l-Malafama (Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta) wara li jiġi dikjarrat li l-kummenti ippublikati mill-intimat fuq is-sit soċjali Facebook fis-26 ta' Novembru 2022 u fit-28 ta' Novembru 2022 jew dati verjnoti (kopja annessa Dok num 1-4), huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u li għandhom bħala skop li joffendu l-unur u r-reputazzjoni personali tar-rikorrenti jew liema minnhom u li jesponuhom għar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku, li jheddu oltre li jikkawżaw

ħsara serja lir-reputazzjoni tal-istess rikorrenti jew liema minnhom, bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenut Charles Fenech fil-11 ta' Jannar 2023 fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi trid tinġieb prova li l-publikazzjoni msemmija mill-atturi inkitbet u/jew ġiet pubblikata mill-esponenti;*
2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-pubblikazzjoni msemmija mill-atturi m'hijiex libelluza fil-konfront tagħhom;*
3. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-fatti imsemmija fil-pubblikazzjoni kjarament jikkonsistu fi kritika ġusta u dan kif ser jirriżulta matul it-trattazjoni tal-kawża u kif ser jirriżulta wkoll mill-investigazzjoni tal-iskwadra tar-Reati Ekonomiċi fi ħdan il-korp tal-Pulizija, u għalhekk hija kritika aċċetabbli f'soċjeta' demokratika, kemm taħt il-liġijiet ta' l-istampa kif ukoll taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem;*
4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-artikolu in kwistjoni mhux libelluz u/jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti, iżda jikkonsisti biss fatti verifikabbli u li għalhekk, huma fair comment, kritika aċċettabbli f'soċjeta dermokratika u eżerċizzju tal-liberta tal-espressjoni sanċita, inter alia, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*
5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, skont il-ħtieġa.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti, illi jinsabu minn issa inġunt għas-*subizzjoni.

Rat id-digriet mogħti minnha fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2023 fejn ordnat illi l-partijiet jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni, liema proċess kellu jiġi konkluż fi żmien tliet xhur;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tal-4 ta' April 2023 fejn wara li ġiet infurmata mill-partijiet li l-medjazzjoni ma kellhiex eżitu pożittiv, ordnat li jitkompla s-smigħ tal-provi biex il-kawża tiġi deċiża minnha;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti;

Rat l-atti kollha;

Rat dak li ġie verbalizzat mill-partijiet fis-seduta tat-3 ta' April 2024 dwar ix-xhieda tal-attur Joseph Fenech u semgħet lill-attur jixhed fl-istess seduta tat-3 ta' April 2024;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-3 ta' April 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni ta' libell taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama fejn l-atturi qegħdin jimpunjaw bħala malafamanti stqarrijiet li ġew ippubblikati mill-konvenut Charles Fenech Facebook fis-26 ta' Novembru 2022 u fit-28 ta' Novembru 2022. Kopja stampata ta' dawn il-pubblikazzjonijiet ġew mehmuża mar-rikors promotur (M1, M2, M3 u M4). Il-partijiet huma lkoll aħwa.

Il-Qorti fehmet illi jeżisti retroxxena ta' diżgwid profond bejn il-partijiet, li ma jitkellmux minħabba diżgwid fuq materji konnessi mal-wirt tal-ġenituri tagħhom.

Minn qari tal-istqarrijiet impunjati wieħed malajr jifhem illi l-konvenut qiegħed jivventila l-frustrazzjoni tiegħu għall-fatt illi fil-fehma tiegħu, wara l-mewt ta'

ommhom f'Ottubru 2022, oħtu Maria Muscat u ħuh Joseph Fenech serqu oġġetti appartenenti lill-wirt tal-ġenturi tagħhom minn ġewwa l-fond li qabel kien ir-residenza tagħhom u dan qabel saret il-qasma formali tal-assi ereditarju bejn it-tliet aħwa. Jallega wkoll illi waqt li kien għadu ħaj missierhom, l-attriċi Maria Muscat serqet ammont sostanzjali ta' flus mill-kont bankarju tal-istess missierhom biex tixtri karozza u tirranġa d-dar tagħha, u ħolqot ħafna inwkiet lill-istess missierhom fuq hekk. F'dan l-isfond, il-konvenut għajjar lil ħutu li huma mejtin bil-ġuħ u li jagħmlu kollox għall-flus inkluż li jisirqulu sehmu mill-wirt u jaqsmu kollox bejn tnejn meta huma tliet aħwa u mhux tnejn.

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti il-konvenut sostna li ħuh Joseph Fenech kien hedded lil missierhom biex jagħtih €20,000 biex iħallas lil martu, waqt li kienu għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni personali, biex jakkwista sehemha mid-dar matrimonjali fuq il-kuntratt ta' separazzjoni. Spjega illi missieru kien qallu li ma riedx isellef dan il-flus lil Joseph Fenech, iżda jaf li l-flus ħuh kien ħadhom eventwalment wara li kien hedded lil missierhom li dak iż-żmien kien beda jbati bid-dementia. Xehed ukoll li fl-2020, oħtu Maria Muscat kienet ħadet lil missierhom għand nutar biex jagħtiha prokura biex tamminstralu flusu u f'daqqa waħda xtrat karozza ġdida u xtrat ukoll diversi oġġetti ġodda għad-dar tagħha inkluż televisions u air-conditioners. Jakkuża lil ħutu wkoll li ftit ġranet qabel il-mewt ta' ommhom fl-14 ta' Ottubru 2022, li wkoll kienet tbati bid-dementia, inġibdu ammont ta' flus mill-kont bankarju tagħha u xahar wara mewtha, ħadu bil-moħbi tiegħu, kaxxa mimlija deheb u ġojjellerija li jiswa €20,000 u li kien ta' ommhom, kif ukoll żewġ statwi, u ma riedux jagħtuh sehmu mill-wirt. Saħaq ukoll illi wara illi ppubblika fuq Facebook il-*posts* impunjati, l-istatwi u l-oġġetti l-oħra kollha li kien akkuża lil ħutu li serquhom, reġgħu feġġew lura fid-dar tal-ġenituri, għajr għad-deheb.

Il-pożizzjoni tal-atturi f'din il-kawża hi ta' ċaħda assoluta tal-veraċita' tal-istqarrijiet li saru mill-konvenut, impunjati f'din il-kawża. L-attriċi Maria Muscat xehdet illi hija qatt ma ħadet ebda flus mill-kontijiet ta' missierhom jew serqet xi flus appartenenti lill-wirt ta' ommhom u missierhom, u tiċħad ukoll illi hi qatt marret ma' ħuha Joseph

Fenech fid-dar tal-ġenituri tagħhom u serqu oġġetti fosthom żewġ statwi u ġojjellerija. Insistiet illi mid-dar tal-ġenituri ma kienu messu xejn u ma kienu ħadu xejn. Il-verzjoni tal-atturi hi illi meta ommhom kienet marret l-Isptar, Joseph Fenech kien talabha jekk setgħax jieħu ż-żewġ statwi mid-dar u jżommhom għandu, u ommhom kienet aċċettat. Madanakollu, meta l-konvenut induna li ż-żewġ statwi kienu neqsin mid-dar u naqa' l-inkwiet, Joseph Fenech kien mar ipoġġihom lura fejn kienu, biex jiġi evitat iktar inkwiet iżda sadanittant, intebħu li l-konvenut kien ħa żewġ televisions mid-dar huwa stess. L-atturi jsostnu wkoll illi d-deheb u ġojjellerija ta' ommhom kienet qassmitu bejniethom ommhom stess f'Jannar 2022, ad eskluzjoni ta' ħuhom il-konvenut, għaliex kien ħolqilha ħafna inkwiet u ma kienx għadu jkellimha. Joseph Fenech ċaħad ukoll speċifikatament illi kien talab lil missierhom biex isellfu xi flus biex iħallas lil martu sehmha mid-dar matrimonjali fuq il-kuntratt ta' separazzjoni u saħaq illi huwa kien sellef is-somma ta' ċirka €120,000 minn APS Bank Limited li minnhom kien ħallas lil martu s-somma ta' €25,000.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-attriċi Maria Muscat, illi l-konvenut kien neħħa dawn il-pubblikazzjonijiet minn fuq il-paġna tiegħu fuq Facebook għall-ħabta ta' Jannar 2023, ċioe' madwar xaharejn wara l-pubblikazzjoni. Il-konvenut jaqbel li kien neħħa dawn il-pubblikazzjonijiet minn fuq il-paġna tiegħu fuq Facebook iżda jisħaq li dan għamlu mhux għaliex dak li ġie asserit minnu mhux veritier, iżda għaliex il-Pulizija kienu ordnawlu biex jagħmel dan wara li oħtu rapportatu dwar vjolenza domestika, kif ukoll, fuq kollox, għaliex oħtu heddidtu li sejra tieħu passi fil-konfront tiegħu jekk ma jneħħihomx minn fuq Facebook.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti ma tistax ma tibdiex biex tosserva illi indipendentement u lil hinn mill-veraċita' o meno tal-allegazzjonijiet u stqarrijiet li ġew ippubblikati mill-konvenut fuq Facebook u li huma fil-mira ta' din l-azzjoni, dawn il-*posts* jikkostitwixxu, bla dubju, abbuż assolut tal-midja soċjali għaliex evidentement huma maħsuba biex imaqdru u jżebilħu lill-atturi pubblikament, senjatament lill-attriċi Maria Muscat,

b'allegazzjonijiet speċifiċi ta' kondotta illegali meta dawn l-allegazzjonijiet jikkonċernaw biss materji personali u privati li m'humiex ta' interess pubbliku jew ġenerali. Il-Qorti tifhem li l-konvenut seta' ħassu frustrat minħabba xi suspetti jew malintiżi dwar x'kien qed jiġri bl-assi ta' ommu u missieru, xprunati forsi wkoll mid-diżgwid li jidher li seta' kellu ma' ħutu u ma' ommu, iżda xejn ma jiġġustifika l-użu tal-midja soċjali deliberatament biex jiġi attakkat il-karattru ta' individwi privati b'mod pubbliku.

Dan premess, iżda, ma jfissirx neċessarjament li l-pubblikazzjonijiet impunjati, anke jekk fihom dikjarazzjonijiet jew allegazzjonijiet foloz, umiljanti u jew offensivi, huma wkoll diffamatorji jew libellużi. Dan qed jingħad għaliex filwaqt li kif inhu risaput, teżisti presunzjoni tal-falzita' ta' stqarrijiet li jiġu impunjati bħala malafamanti, mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament diffamatorja għaliex l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artikolu 3(4), biex stqarrija titqies bħala diffamatorja irid jiġi ppruvat mill-persuna aggravata illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.

Illi għalhekk, il-Qorti għandha tibda biex tistħarreġ il-provi biex tistabbilixxi jekk l-atturi ssodisfawx il-kriterju tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, liema kriterju huwa wieħed tassattiv għas-suċċess ta' kull azzjoni għal malafama għaliex, kif ingħad, jekk ma jintweriex illi l-pubblikazzjoni ikkawżat ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata, ma tistax titqies li hija libelluża taħt u għall-finijiet tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Illi sfortunatament il-partijiet fil-kawża ma għarfux jarġinaw il-provi li ġew imressqin minnhom fuq il-binarji ta' azzjoni għal malafama, u bosta mill-provi li nġiebu huma evidentement maħsuba biex jiġi stabbilit li l-asserzjonijiet tal-konvenut illi l-atturi ħadu bla jedd jew b'mezzi qarrieqa, flejjes mill-kontijiet bankarji ta' ommhom u missierhom u deheb u oġġetti oħra appartenenti lill-wirt tal-istess ġenituri tagħhom a skapitu tiegħu, huma foloz jew veritieri. Prova li frankament m'hijiex daqshekk rilevanti meta teżisti presunzjoni fil-liġi tad-diffamazzjoni li stqarrija li tiġi impunjata

bħala diffamatorja hija preżunta li hija falza u jispetta lill-pubblikatur jew l-awtur imħarrek biex jipprova l-verita' tal-istqarrijiet pubblikati jew li jikkostitwixxu l-opinjoni onesta tiegħu jew pubblikazzjoni dwa materja ta' interess pubbliku.

Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-prova tas-serjeta` tal-ħsara jew il-potenzjal ta' ħsara serja, hija *sine qua non* u fondamentali għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama. Fil-fatt, diversi drabi riteniet illi l-istħarriġ dwar l-element tal-ħsara serja jew telf finanzjarju serju għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att għandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att u dan mill-Qorti *sua sponte* mingħajr il-ħtieġa li titressaq eċċezzjoni *ad hoc* fir-rigward, u dan ghaliex il-kriterju jinċidi fuq l-azzjonabbilita` tal-allegat malafama. Dan ifisser illi anke jekk jirriżulta li l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-kontestazzjoni kif prospettati mill-Att, ma jkunux fondati jew altrimenti ma jissodisfawx il-kriterji meħtieġa mil-liġi ghas-suċċess taghhom, l-azzjoni tista' xorta waħda tfalli t-test stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att jekk jirriżulta illi wara kollox il-pubblikazzjoni ma rrekatx u m'hijiex kapaċi li tirreka, ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ressqet l-azzjoni.

Fi kliem Collins[1], din ir-regola: "*… operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where **the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or likely to suffer,** serious reputational harm or, **in the case of a body that trades for profit, serious financial loss***." [enfasi tal-Qorti]

Għall-prova tal-ħsara serja, jeħtieġ li jiġi stabbilit il-konkorrenza ta' iktar minn fattur wieħed.

Fir-rigward ingħad hekk[2]:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the nature and the inherent gravity*

[1] Collins: On Defamation, 2014 Ed. Page 128 6.56
[2] Gatley, *ibid.* 2.4, pg. 39.

*of the allegation, whether the publication was oral or written, the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transience of the publication.*"[3]

Għalkemm il-ligi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, dak li hu żgur hu illi bl-introduzzjoni ta' kriterji specifici fosthom ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, għall-azzjonabbilita` tal-allegat malafama, l-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248) u dan sabiex jitkompla jissaħħaħ u jiġi mħares il-jedd tal-liberta' tal-espressjoni u jiġi rikonoxxut l-importanza suprema ta' dan il-jedd.

Skont kif ġie mfisser fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**, bil-kriterji ġodda stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act (2013), li hu l-ekwivalenti tal-artikolu 3(4) tal-Att domestiku, għall-azzjonabbilita' tal-malafama, illum jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni:-

*"... section 1 necessarily means that a statement which would previously have been regarded as defamatory, because of its inherent tendency to cause some harm to reputation, is not to be so regarded unless it "has caused or is likely to cause" harm which is "serious". The reference to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself. It points to some historic harm, which is shown to have actually occurred. This is a*

---

[3] Dwar ir-rekwiżit tal-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, il-Gatley jgħid hekk- "*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation*." - Gatley, *ibid.* 2.6, pg. 41.

*proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were communicated. The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused.*[4]

Dak li ġie ritenut u stabbilit f'din id-deċiżjoni huwa li mhux biżżejjed, wara l-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja (u telf finanzjarju serju f'każ ta' korp li jopera għal profitt), li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Jeħtieġ addizzjonalment, għas-suċċess tal-azzjoni, li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[5].

Illi fid-deċiżjoni msemmija qabel, **Lachaux v. Independent Print Limited**, il-Qorti tal-Appell[6] kienet trattat l-ipotesi fejn, indipendentement mit-tifsira diffamatorja tal-kliem impunjati, il-kejl ta' ħsara reputazzjoni serja ma jintlaħaqx, per eżempju għaliex in-numru ta' persuni li lilhom ġiet ippubblikata l-allegat malafama tkun minima jew limitata ħafna u ma jiġix ippruvat illi din ġiet perkolata u li naqqset l-istima tal-persuna aggravata f'għajnejn persuni oħrajn. Għalhekk, it-tendenza inerenti tal-pubblikazzjoni tal-istqarrija li tikkawża ħsara serja ma għadhiex bizzejjed għall-prova tal-kriterju tal-ħsara serja lir-reputazzjoni.

Skont Duncan and Neil On Defamation, "*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it*

[4] Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**.
[5] Ibid. para. 21 tad-deċiżjoni.
[6] (2017) EWCA Civ. 1334.

*is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[7]

Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-istatus tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. – 4.13 page 35/36

Fil-każ **Yeo v. Times Newspapers Limited** (2015) EWHC 2132 QB, il-Qorti ġibdet inferenza li l-pubblikazzjoni ġiet moqrija minn numru suffiċjenti ta' qarrejja mill-fatt illi din saret f'gazzetta nazzjonali b'ċirkolazzjoni sostanzjali u mill-fatt illi l-artikoli impunjati kienu ngħataw prominenza.[8] Warby J. qal hekk:-

"*The essential issues for determination at a trial, on the pleaded case as it stands, will be ... (b) is the number of such readers sufficient to make the publication on 23 June a real and substantial tort?*"

Iżda fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, anke jekk kellu jiġi aċċettat illi l-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut għandhom tendenza inerentement diffamatorja għaliex l-imputazzjoni ċara hi li serqu mid-dar ta' ommhom u missierhom u ħadu bla jedd, flus mill-kontijiet bankarji tagħhom, billi dawn l-istqarrijiet ma ġewx ippubblikati fuq mezz tal-midja tal-massa (*mass media*) ċioe' fuq gazzetta jew mezzi tradizzjonali tal-istampa jew fuq *online news portal* fejn l-aċċess għal midja bħal dawn huwa liberu u mhux limitat u fejn teżisti presunzjoni ta' ċirkolazzjoni u qari estensiv, jeħtieġ li tinġieb prova konkreta tal-firxa tal-pubblikazzjoni.

L-atturi jikkontendu illi l-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut fuq Facebook kienu pubbliċi u seta' jarahom kulħadd, anke persuni li mhux "*Facebook friends*" tiegħu u

---

[7] Duncan and Neil on Defamation - page 34 (p. 4.08).
[8] Gatley, Second Supplement to the 12th Ed. (2017) - 7.3 p. 66/67.

fix-xhieda tagħha, Maria Muscat sostniet ukoll illi l-konvenut għandu madwar erba' mitt '*friend*' fuq Facebook. Xehdet ukoll illi minħabba l-materjal ippubblikat mill-konvenut, xi zijiet tagħha bilkemm għadhom ikellmuha, filwaqt li kuġina minn tagħha kienet qaltilha biex tirranġa ma' ħuha u biex hi u ħuha l-ieħor iħallsuh lura l-flus li kienu serqulu.

Madanakollu, huwa evidenti li l-atturi naqsu għal kollox milli jissostanzjaw dawn l-allegazzjonijiet. Minkejja illi ma jirriżultax li kien impossibbli jew diffiċli għall-atturi biex jistabbiixxu n-numru, il-klassi u jew l-identita' ta' persuni li kellhom aċċess għall-istqarrijiet impunjati jew li kienu jsegwu l-profil jew paġna fuq Facebook li fuqha ġew ippublikati - biex jintwera li l-istqarrijiet impunjati ġew ippubblikati lil udjenza sinjifikanti, jew lil klassi ta' persuni li għad ta' numru żgħir, l-effett tad-dikjarazzjoni jkun ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tagħhom - baqgħu ressqu ebda prova konklussiva kwalsiasi fir-rigward. Prova bħal din, ċioe' li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija allegament malafamanti ikkaġunat ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi jew xi ħadd minnhom, hija fil-fehma tal-Qorti determinanti biex jiġi sodisfatt il-kriterju tal-ħsara serja. *Multo magis* meta l-konvenut fix-xhieda tiegħu ċaħad illi l-*posts* impunjati kienu pubbliċi u saħaq illi kienu biss il-ħbieb tiegħu, madwar mitt persuna, illi setgħu jaraw dawn il-*posts*.

Il-Qorti tqis illi f'każ ta' pubblikazzjoni fuq mezz tal-midja soċjali jrid jintwera illi l-pubblikatur għandu udjenza estensiva għaliex jekk ma jintweriex li l-istqarrijiet impunjati waslu għand numru kbir ta' qarrejja jew li rċevew numru konsiderevoli ta' *likes* jew *views* – ħaġa li tista' tkun indikattiva tal-livell tal-ħsara reputazzjonali - dan jista' jkun ostakolu għall-prova ta' ħsara serja lir-reputazzjoni u kwindi għas-suċċess tal-azzjoni. In mankanza ta' prova bħal din, il-Qorti ma tistax tinferixxi li din id-dikjarazzjoni waslet għall-attenzjoni għal persuni li f'għajnejhom inevitabbilment tkun tnaqqset l-istima tal-atturi, jew ġew ċirkolati b'mod estensiv b'mod li hija ppruvata pubblikazzjoni fuq skala wiesa' biżżejjed biex tissostanzja l-allegazzjoni li l-atturi sofrew ħsara reputazzjonali sejra b'riżultat tal-pubblikazzjoni.

Gatley jgħid ukoll in propositu illi *"... a claim may fail not only because the imputation was not of sufficient gravity of itself to cause serious harm to reputation* ***but also because its publication was very limited and accordingly any harm to reputation was minimal***."[9]

Il-fatt illi numru żgħir ta' persuni raw il-materjal impunjat, m'huwiex biżżejjed biex jikkostitwixxi substrat ta' fatt li fuqu tista' titnissel inferenza ta' pubblikazzjoni li kkaġunat ħsara sejra lir-reputazzjoni[10].

Skont Duncan and Neil (On Defamation):

"*... an inference that publication has occurred may also arise in the case of some websites, depending, for example, on how well-established they are, and the nature of the material they carry.*"

Jiċċitaw id-deċiżjoni fil-każ **Al Amoudi v. Brisard**, fejn il-High Court (EWHC) ċaħdet l-argoment illi l-fatt waħdu illi l-materjal impunjat tqiegħed fuq *website* li huwa aċċessibbli b'mod ġenerali, inissel presunzjoni *juris tantum* illi l-materjal ikun ġie pubblikat lil numru sostanzjali ta' persuni.

Fil-każ odjern, il-provi juru illi l-pubblikazzjoni Dok. M2 irċieva biss **tliet kummenti**, filwaqt li l-pubblikazzjoni tas-27 ta' Novembru 2022[11] (Dok. M3) irċieva **seba' kummenti** u l-pubblikazzjoni Dok. M4 tat-28 ta' Novembru 2022 irċieva **tmien kummenti**[12] u xejn iktar minn hekk, lanqas prova dwar min għamel dawn il-kummenti u jew ir-rejazzjonijiet tal-kummentaturi.

---

[9] *Ibid.* 2.6, note 56 (Second Cumulative Supplement to the Twelfth Edition), page 11. Emfasi tal-Qorti. Jgħid ukoll:- "*While it is the case at common law that substantial damages should be awarded even where on the evidence it is shown that the claimant has suffered limited damage or no damage at all, the requirement in s1(1) that serious harm to reputation be proved as a condition of actionability, means that cases were there is little tangible evidence or likelihood thereof will usually fail.*" – 2017 Second Supplement – 3.6 p. 23.
[10] Ara wkoll Brady v. Norman (2008) EWHC 2481 (QB).
[11] Ara paġna 29 tal-atti tal-kawża.
[12] Ara paġna 29 tal-atti tal-kawża.

L-allegazzjoni waħedha illi dawn il-pubblikazzjonijiet setgħu waslu għand membri tal-familja tal-partijiet m'huwiex, mingħajr iktar, prova li l-pubblikazzjonijiet ikkaġunaw ħsara lir-reputazzjoni tal-atturi meta lanqas intwera li tassew l-istqarrijiet ġew ippubblikati lil xi membri tal-familja jew ġew ċirkolati lilhom. Huwa minnu li l-attriċi xehdet li "*xi zijiet*" minn tagħhom "*bilkemm*" għadhom ikellmuha minħabba l-allegazzjonijiet tal-konvenut, iżda dawn il-persuni lanqas ġew identifikati b'isimhom u ħadd mill-atturi ma xehed dwar iċ-ċirkostanzi li wassluhom biex jikkonkludu li dan il-bdil fl-imġieba huwa marbut mal-pubblikazzjonijiet impunjati. Ukoll, hija l-fehma tal-Qorti li l-fatt illi kuġina mhux identifikata tat parir lill-attriċi biex tirranġa ma' ħuha l-konvenut u tpoġġi lura s-somma li qal li ħadet, ma jiswix bħala prova kif imiss ta' ħsara **serja** lir-reputazzjoni kif jesiġi l-Att dwar il-Midja u l-Malafama għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama.

Wisq inqas tiswa bħala prova ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, l-allegazzjoni tal-attur Joseph Fenech illi huwa ħass li kellu jirriżenja mill-impieg minħabba kummenti ċajtużi minn kollegi fuq il-post tax-xogħol dwar il-*posts* ippubblikati mill-konvenut. L-attur xehed illi l-istqarrijiet foloz ippubblikati mill-konvenut fuq Facebook ħallew impatt negattiv fuqu għaliex il-kollegi tax-xogħol tiegħu kienu bdew jgħaddu botti illi kien seraq lil ommu u lil missieru, tant illi ħass li kellu jitlaq l-impieg tiegħu wara għaxar snin u jfittex xogħol ieħor. Sostna wkoll illi hemm membri tal-familja li ma baqgħux ikellmuh minħabba l-allegazzjonijiet inveritieri li ħuh kien qed ixerred fil-konfront tiegħu.

Iżda l-Qorti ma għandha quddiemha ebda xhieda jew prova la dwar min kienu dawn il-kollegi li wasslu għandhom il-pubblikazzjonijiet impunjati, u lanqas tal-fatt innifsu tar-riżenja tal-attur mill-impieg tiegħu fi żmien rilevanti – dan kollu biex jintwera tabilħaqq l-eżistenza ta' xi xejra ta' rabta bejn il-pubblikazzjonijiet u l-allegat effetti tagħhom fuq ir-reputazzjoni tal-attur. Provi bażiċi li indubbjament kienu disponibbli għall-attur iżda xorta waħda ma ressaqhomx. F'kull każ il-Qorti ma taqbilx illi botti ċajtuzi dwar il-materja tal-istqarrijiet impunjati, jikkostitwixxi prova ta' ħsara wisq inqas ħsara serja, lir-reputazzjoni tal-attur Joseph Fenech.

Minn dan kollu huwa evidenti illi l-atturi naqsu milli jġibu ‘l quddiem provi biżżejjed biex juru li l-pubblikazzjonijiet impunjati waslu għand numru sostanzjali ta’ qarrejja u jew kellha perkolazzjoni estensiva, kif ukoll biex jintwera li dawn ħallew impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tagħhom: kriterji li jeħtieġu li jiġu sodisfatti kumulattivament għall-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tal-istess atturi.

Il-Qorti tenfasizza ulterjorment illi f’kull każ, il-liġi teħtieġ prova mhux ta’ ħsara kwalunkwi lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata iżda prova ta’ ħsara li hija **serja**. Madankollu, fil-każ in diżamina ma taqbilx illi dan il-kriterju ġie sodisfatt bi provi kif imiss u tqis illi l-allegazzjonijiet tal-atturi fir-rigward baqgħu mhux sostanzjati kif meħtieġ, minkejja li ma jirriżultax li kien hemm xi ostakolu biex jinġiebu mqar provi bażiċi biex jagħtu fejda lill-allegazzjonijiet dwar l-impatt negattiv subit b’effett tal-pubblikazzjonijiet impunjati u l-firxa tal-pubblikazzjoni.

Il-Qorti tqis illi n-normi ġenerali tal-liġi tad-diffamazzjoni japplikaw ugwalment għal pubblikazzjonijiet fuq Facebook u pjattaformi oħrajn ta’ komunikazzjoni fuq midja soċjali, b’dan illi għandhom jinġiebu in sostenn tal-allegazzjoni dwar ħsara serja lir-reputazzjoni, provi tajbin biżżejjed biex juru li dan l-kriterju jkun sodisfatt għall-anqas fuq bażi ta’ bilanċ ta’ probabbilitajiet. Provi li f’dan il-każ ma nġiebux iżda f’kull każ, anke jekk kellha tingħata fejda lix-xhieda tal-atturi illi tassew kien hemm xi ħadd mill-familja estiża tagħhom li ma baqax iqishom bħal qabel, jew sabu ruħhom fil-mira ta’ botti u ċajtiet marbuta mal-materja tal-pubblikazzjonijiet impunjati, il-Qorti ma taqbilx li f’dan l-effett huwa riskontrabbli prova ta’ “*ħsara serja lir-reputazzjoni*” kif illum il-liġi tal-malafama teħtieġ biex l-azzjoni għal malafama tirnexxi.

Għaldaqstant, billi hija nieqsa l-prova dwar il-kriterju fondamentali tal-azzjoni, ċioe’ l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, il-pubblikazzjonijiet impunjati ma jistgħux jitqiesu bħala libellużi u malafamanti fil-konfront tal-atturi jew xi ħadd minnhom, għalkemm, kif diġa’ ngħad qabel, dan ma jnaqqas xejn min-natura offensiva tal-istess pubblikazzjonijiet. Pubblikazzjonijiet li fil-fehma tal-Qorti huma manifestazzjoni ta’

abbuż tal-midja soċjali u huma wkoll ta' għajb u stmerrija għal min dehrlu li dan huwa l-*forum* xieraq biex isiru akkużi jew jiġu ventilati suspetti dwar kondotta ħażina li m'hijiex ta' interess pubbliku, jew biex jipprova jumilja lil ħaddieħor billi jiġu esposti u mxandra materji privati u personali.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tqis li hija nieqsa l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi Maria Muscat u Joseph Fenech, jew min minnhom, u għalhekk tilqa' t-tieni eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenut, qiegħda tiċħad it-talba fir-Rikors, bl-ispejjeż ibatuhom l-atturi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**